MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 532/2008

**Malta Dairy Products Limited C7833**

**Vs.**

**Joseph Fenech, bil-karta ta' l-identita' bin-numru 396156(M) u martu Filippa maghrufa ukoll bhala Phyllis Fenech bil-karta ta' l-identita bin-numru 458253(M)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta' rikorrent issottomettiet:

1. Illi l-intimati, tramite l-intimat Joseph Fenech joperaw bhala distributuri mas-socjeta' rikorrenti u dan skond it-termini ta' ftehim bejn il-kontendenti tal-24 ta' Gunju 1996, kopja ta' liema hija hawn annessa u markata IJS1;

2. Illi l-istess intimati ghandhom numru ta' *invoices* ta' xoghol ordnat u mixtri minnhom minghand is-socjeta' rikorrenti li ghadhom pendent, kopja ta' liema *invoices* hija hawn annessa u kollettivament immarkata IJS2;

3. Illi l-ammont komplessiv ta' dawn l-*invoices* mhux imhallsa, u li ghaldaqstant imur kontra it-termini ta' kreditu moghti lill-intimati skond it-termini tal-ftehim tal-24 ta' Gunju 1996, huwa ta' hamsa u hamsin elf mitejn u sebgha u sebghin Euro u tlettax-il Euro centezmu (Euro 55,277.13) (Lm23,730.47), u dan kif jirrizulta mill-anness rendikont markat Dok IJS 3;

4. Illi oltre dan, permezz ta' zewg kuntratti pubblici, wiehed ippublikat fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tat-18 ta' Gunju 2004 u l-iehor ippublikat fl-atti tan-Nutar Vannessa Bonnici tal-24 ta' Jannar 2007 (kopja annessa u markata IJS4A u IJS4B rispettivament) l-intimati ikkostitwixxu ruhhom bhala debituri tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' mija tnejn u sebghin elf tlett mija u wiehed u sittin Euro u erbghin centezmu (Euro 172,361.40) (Lm73,994.75), liema somma kienet pagabbli flimkien ma nteressi f'pagamenti mensili kif spjegat fid-Dok A anness mal-kuntratt pubbliku ta' l-24 ta' Jannar 2007, bl-ewwel pagament dovut fi Frar 2007;

5. Illi minn dawn il-pagamenti, l-intimati hallsu lis-socjeta' rikorrenti l-ammont ta' ghaxart elef seba' mija u erbatax Euro u tlieta u tmenin centezmu (Euro10,714.83) (Lm4,599.88), u cioe il-pagamenti dovuti sa Dicembru 2007 biss u baqghu inadempjenti fil-kumplament tal-pagamenti dovuti minnhom, u b'hekk tilfu ukoll il-beneficju tat-terminu moghti lilhom taht l-istess ftehim, u ghaldaqstant ghad fadal bilanc ta' mija wiehed u sittin elf sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u hamsin Euro centezmu (Euro 161,646.57) (Lm69,394.87) dovut mill-

intimati lis-socjeta' rikorrenti, u dan kif jirrizulta mill-anness rendikont markata bhala dok. IJS5;

6. Illi ghaldaqstant, l-intimati huma debituri tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' mitejn u sittax –il elf disa' mija tlieta u ghoxrin Euro u sebghin Euro centezmu (Euro216,923.70) (Lm93,125.34);

7. Illi minkejja li l-intimati gew interpellati biex ihallsu l-bilanci dovuti u jottempraw ruhhom ma dak miftiehem, huma baqghu inadempjenti;

8. Illi d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut;

9. Illi r-rikorrenti m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu in kontro-trattazzjoni tat-talbiet attriċi u għalhekk jippersistu ċ-ċirkostanzi kontemplati fl-artikolu 167-170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Jghidu ghalhekk ir-rikorrenti ghaliex m'għandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimati li jħallsu lis-socjeta' rikorrenti is-somma ta' mitejn u sittax –il elf disa' mija tlieta u ghoxrin Euro u sebghin Euro centezmu (Euro216,923.70) (Lm93,125.34);

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru, mandat ta' qbid u mandati ohra li qeghdin jigu pprezentati kontestwalment ma dan ir-rikors, jew fil-mori ta' l-istess rikors u l-ittri ufficjali kif ukoll bl-imgħax kontra l-intimati li huma nġunti in subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' rikorrenti li permezz taghha irriduciet it-talba bl-ammont ta' hamest elef u seba' mitt Euro (Euro 5,700) ghal mitejn u hdax il-elf, mitejn u tlieta u ghoxrin Euro u sebghin centezmi (Euro 211,223.70);

Rat in-nota tal-intimati li permezz taghha ammettew it-talba kif ridotta ghall-ammont ta’ mitejn u hdax il-elf, mitejn u tlieta u ghoxrin Euro u sebghin centezmi (Euro 211,223.70);

Billi mill-ammissjoni tal-intimati t-talba kif ridotta fir-rikors tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-intimati tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif ridotta ghall ammont ta’ mitejn u hdax il-elf mitejn u tlieta u ghoxrin euro u sebghin centezmi (Euro 211,223.70) bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------